MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2003

Appell Kriminali Numru. 163/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Raymond Abela**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Raymond Abela talli fit-12 ta' April, 1997 u matul ix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

**(1)** ta armi, ghodod jew mezzi ohra li gew uzati fl-eghmil ta' delitti meta kien jaf li dawn kellhom jigu hekk uzati, jew b'xi mod li jkun, ghen jew assista lil awtur jew awturi tad-delitti fl-atti li bihom id-delitti kienu gew ippreparati jew ikkunsmati, b'dan li l-awturi ta' l-istess delitti b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet

foloz, jew ta’ kwalifiki foloz jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b’ohra sabiex igieghelu titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ kredti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta’ aktar minn hames mitt lira Maltija ghad-dannu tal-Korporazzjoni tat-Telemalta (komplicita` fi truffa);

**(2)** u aktar meta l-awtur jew awturi, f’dawn il-Gzejjer fl-istess perijodu ta’ zmien u cirkostanzi bi hsara ta’ haddiehor u cioe` tal-Korporazzjoni tat-Telemalta ghamlu xi qliegh iehor b’qerq li jiskorri l-valur ta’ hames mitt lira Maltija (frodi innominata);

**(3)** u aktar meta l-awtur jew awturi, f’dawn il-Gzejjer fl-istess perijodu ta’ zmien u cirkostanzi, ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor fasifikat u cioe` “telecard” falza (falsifikazzjoni ta’ dokument u uzu ta’ dokument falz);

**(4)** u aktar meta l-awtur jew awturi, f’dawn il-Gzejjer fl-istess perijodu ta’ zmien u cirkostanzi ffalsifikaw jew biddlu minghajr il-kunsens tas-sid u cioe` il-Korporazzjoni tat-Telemalta id-disinji jew mudelli ta’ manifattura, jew xjentement ghamlu uzu ta’ dawn id-disinji jew mudelli ffalsifikati jew imbiddla ukoll jekk minn haddiehor minghajr il-kunsens tas-sid (qerq fil-kummerc – Artikolu 298(1)(b), Kap. 9);

**(5)** u aktar talli f’dawn il-Gzejjer, nhar it-12 ta’ April 1997 u fix-xhur ta’ qabel, ghal qliegh jew bi skop ta’ kummerc, bena, biddel, ghamel, ipposseda, biegh jew xtara xi apparat li bih ikun jista’ jikkonnetti kontra l-ligi ma’ sistema tat-telekomunikazzjoni (dhul b’qerq f’sistema ta’ telekomunikazzjoni – Artikolu 298A, Kap. 9);

**(6)** kif ukoll f’dawn il-Gzejejr, fl-istess perijodu ta’ zmien u cirkostanzi ghal qliegh, jew bi skop ta’ kummerc, stampa, mmanifattura, idduplika, jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haga

ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u prottetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha (ksur tad-drittijiet tal-awtur – Artikolu 298B, Kap. 9);

**(7)** talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe` li b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta kwalifiki foloz jew billi jinqeda b'qerq iehor, ingann jew billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika jaghmel qliegh ghad-dannu tal-Korporazzjoni tat-Telemalta, wara dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali indipendenti mill-volonta` tieghu (tentattiv ta' truffa);

**(8)** u fl-ahharnett talli f'dawn il-Gzejejr fl-istess perijodu ta' zmien u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe` bi hsara ta' haddiehor u cioe` il-Korporazzjoni tat-Telemalta, jaghmel xi qliegh iehor b'qerq, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` tieghu (tentattiv ta' frodi innominata);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Gunju 2002 li permezz taghha dik il-qorti, fil-parti decizjonali, qalet hekk:

**Ghalhekk u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija u wara li l-Qorti rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota tal-Avukat Generali tad-9 ta' Awissu tas-sena 2000, il-Qorti ssib lill-imputat fuq imsemmi <u>hati</u> tat-tieni, tat-tielet, tar-raba', tal-hames u tas-sitt imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, filwaqt li tilliberah mill-ewwel, mis-seba' u mit-tmien imputazzjonijiet li ma gwex ippruvati fil-konfront tieghu.**

Dik il-Qorti kkundannat lill-imsemmi Raymond Abela ghall-piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghall-periodu ta' erba' snin skond l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Raymond Abela, minnu ppresentat fid-9 ta’ Lulju, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tezamina l-aggravji ta’ l-appellant – aggravji li huma, kollha kemm huma (hlief ghall-aggravju dwar il-piena) ta’ natura sterttament legali, tajjeb li jigu stabbiliti l-fatti. Dwar il-fatti ma hemmx kontestatzzjoni: l-appellant kien xtara u biegh lil terzi *telecards* li bihom wiehed seta’ jcempel minn *telephones* tal-Korporazzjoni Telemalta illimitatament, u cioe` minghajr ma’ dawn it-*telecards* qatt jispiccalhom il-*units* kif jigri b’*telecards* “ufficjali” tal-imsemmija Korporazzjoni, b’mod ghalhekk li min kien juza dawn it-*telecards* seta’ effettivament jinqeda bis-servizz tat-*telephone* tat-Telemalta minghajr ma jhallas xejn lill-istess Korporazzjoni. Jirrizulta li persuni li kellhom minn dawn it-*telecards* li bieghhilhom l-appellant, fil-fatt ghamlu telefonati fuq *telephones* tat-Telemalta. Dawn it-*telecards* kienu effettivament foloz fis-sens li kienu gew manufatturati minn hi hadd u pprovduti b’*micro chips* li permezz taghhom seta jkun hemm l-uzu illimitat tat-*telephones* kif inghad.

L-ewwel aggravju ta’ l-appellant huwa dwar l-Artikoli 183 u 184 tal-Kodici Kriminali, ikkwotati mill-Avukat Generali fin-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tieghu tad-9 ta’ Awissu, 2000 (fol. 118). Frankament din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-Avukat Generali kkwota dawn iz-zewg artikoli tal-ligi. It-tielet imputazzjoni kif migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kjarament tipotizza r-reati kontemplati fl-Artikolu 189 tal-Kodici Krminali, u mhux il-falsifikazzjoni, u l-uzu xjenti, ta’ “att”, “kitba” jew “skrittura” awtentika u pubblika jew kummercjali jew ta’ bank privat. Fin-nota msemmija l-Avukat Generali ghazel li jikkwota artikoli tal-ligi li ma jikkorrispondux mar-reati li kienu qed jigu ipotizzati mill-Pulizija Ezekuttiva, filwaqt li injora ghal kollox l-Artikolu 189 imsemmi (li ma giex kwotat fin-nota msemmija). Fil-

fehma ta' din il-Qorti, mhix relevanti ghad-determinazzjoni tal-vertenza odjerna id-distinzjoni li ghamel l-abbili difensur ta' l-appellant bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku [1]; dak li hu relevanti hu li t-*telecards* in kwistjoni ma jikkwalifikawx bhala "att awtentiku u pubbliku", jew "skrittura kummercjali jew ta' bank privat". Pero` anke li kieku l-Avukat Generali kkwota l-Artikolu 189 – li jitkellem dwar il-falsifikazzjoni ta' "dokument" li "mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel", u dwar l-uzu xjenti ta' tali dokument falsifikat – din il-Qorti ma tarax li l-falsifikazzjoni tat-*telecards* in kwistjoni kienet taqa' taht dana l-Artikolu 189 tenut kont taz-zmien tal-allegat reat (April tal-1997 u x-xhur ta' qabel). Kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza tas-17 ta' Ottubru, 1997 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Paul Galea***:

**Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta`…S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew min certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar, u fuq kwasiasi mezz li jista' jiehu, imqar temporanjament, il-messagg – karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastik, etc.**

Issa, apparti konsiderazzjonijiet ohra, skond id-dottrina klassika il-kitba trid tkun tista' tinqara bil-ghajn, b'mod li registarzzjoni b'mezz elettroniku ma hux meqjus bhala "kitba". Kien biss bl-introduzzjoni s-sena li ghaddiet tal-Artikolu 189A (ara l-Artikolu 34 tal-Att III tal-2002, u l-A.L. 94/2002) li d-definizzjoni ta' "dokument" (u ta' "ghodda", "skrittuta" u "ktieb") ghall-finijiet tat-Titolu dwar id-Deliitti kontra l-Fiducja Pubblika giet estiza biex tinkludi "kull

[1] Ghad-differenza bejn il-falz ideologiku u l-falz materjali, ara s-sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Ottubru, 1997 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Paul Galea***.

kartoncina, *disc*, *tape*, *soundtrack* jew mezz iehor li fuqu jew fih tkun tista' tigi rregistrata jew mahzuna informazzjoni b'mezzi mekkanici, elettronici jew mezzi ohra". Ghalhekk l-ewwel qorti ma setghetx legittimament issib lill-appellant hati skond it-tielet imputazzjoni.

Aggravju iehor ta' l-appellant hu li f'dan il-kaz ma kienx japplika l-Artikolu 298 tal-Kodici Kriminali. L-appellant ghandu ragun. It-*telecards* foloz f'dan il-kaz ma kienux jammontaw ghal falsifikazzjoni jew tibdil ta' *"design or model of manufacture"* fis-sens tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 298 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement huwa ma kellux jinstab hati skond ir-raba' imputazzjoni.

It-tielet aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-Artikolu 298A tal-Kap. 9. Huwa jikkontendi li t-*telecards* in kwistjoni ma humiex "apparat" fis-sens ta' din id-disposizzjoni tal-ligi; u li fi kwalunkwe kaz dawn it-*telecards* ma kienux ghandu, bieghhom jew xtrahom "ghal qligh jew bi skop ta' kummerc" b'mod li f'dan il-kaz kien japplika il-paragrafu (b) ta' l-imsemmi Artikolu 298A. Hawnhekk l-appellant ghandu ragun in parti biss. Fil-fehma tal-Qorti it-*telecards* in kwistjoni huma "apparat" – *"device"* fit-test Ingliz tal-ligi – li bihom huwa seta' "jikkonnetti kontra l-ligi ma' sistema ta' telekomunikazzjoni". Pero`, mill-kumpless tal-provi, u in partikolari miz-zewg stqarrijiet ta' l-appellant, ma jirrizultax li huwa ghamel, jew kellu l-hsieb li jaghmel, xi qligh, ossia profitt, mill-pussess, bejgh jew xiri taghhom. Anqas jirrizulta xi skop ta' kummerc. Pjuttost huwa l-ewwel kiseb *telecard* ghall-uzu personali tieghu u wara kiseb ohrajn ghall-uzu ta' hbieb tieghu, pero` minn imkien ma jirrizulta li huwa ghamel xi profitt jew li kien qed jikkummercja f'dawn it-*telecards*. Ghalhekk kien applikabbli l-paragrafu (b) tal-imsemmi Artikolu 298A, b'mod li l-piena, ghall-finijiet tal-hames imputazzjoni, kellha tkun ta' multa ta' mhux izjed minn elf lira.

Ir-raba' aggravju ta' l-appellant hu li huwa ma seta' qatt jinstab hati skond is-sitt imputazzjoni (li tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 298B tal-Kap. 9) peress li dana l-artikolu ma giex ikkwotat mill-Avukat Generali fin-nota ta'

rinviju ghall-gudizzju. Hawnhekk ukoll l-appellant ghandu ragun – l-Avukat Generali, bin-nota tieghu imsemmija u li fiha ma hemm ebda referenza ghall-Artikolu 298B, gie li rrinunzja ghas-sitt imputazzjoni.

Il-hames aggravju tal-appellant jirrigwarda s-sejbien ta' htija skond it-tieni imputazzjoni, u cioe` li huwa ghamel qligh b'qerq (frodi innominata, Art. 309) meta l-ammont ta' hsara tiskorri l-hames mitt lira Maltija. F'dan ir-rigward l-appellant jissottometti tlett argumenti: (1) li ma hemmx prova li l-ammont ta' hsara kien jeccedi l-hames mitt lira, (2) li huwa instab hati bhala awtur u mhux bhala komplici, meta ma hemm ebda prova li huwa, a differenza ta' persuni ohra li lilhom kien ta xi *telecard* falza, kien ghamel xi telefonata b'*telecard* minn dawk, u (3) li dak li sehh kien jammonta ghal serq u mhux ghal frodi innominata. Kwantu ghat-tielet argument, din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-appellant: l-uzu ta' *telecard* falza kien jammonta ghal "qerq" perpetrat direttament fuq l-apparat tat-telefon u indirettament fuq il-Koroprazzjoni in kwistjoni. Dak li gara kien daqs li kieku l-appellant (jew xi persuna li kellha *telecard* falsifikata) marret fuq ufficjal tal-Koporazzjoni, ippresentatlu t-*telecard*, u dan, ghax ma indunax li dik il-*card* kienet falza, ippresta s-servizzi tieghu jew ipprovda servizz. Ghalhekk ma hux il-kaz ta' serq, izda ta' frodi taht l-Artikolu 309. Kwantu ghat-tieni argument, huwa veru li l-appellant gie lliberat mill-ewwel imputazzjoni, pero` din kienet ta' komplicita` mhux fi frodi innominata izda komplicita fi truffa. L-akkuza ta' frodi innominata tikkomprendi fiha (bhala kompriza u involuta) dik ta' komplicita` fl-istess reat. Din il-Qorti taqbel ma' l-appellant li l-provi ma jurux li huwa ghamel xi telefonata bit-*telecards* li kellu (ipprova draba juza wahda minnhom izda ma rnexxilux icempel [2]), izda hu kkonsenja minn dawn il-*cards* lil terzi meta kien jaf ghalfejn kienu ser jintuzaw, u fil-fatt hekk intuzaw minn dawn it-terzi. Ghalhekk huwa proprjament kellu jinstab hati ta' komplicita` (Art. 42(c)) fir-reat kontemplat fl-Artikolu 309. Kwantu ghall-*quantum* tal-hsara, din il-Qorti taqbel ma' l-appellant li mill-provi

[2] Ara f'dan ir-rigward partikolari kemm l-ewwel kif ukoll it-tieni stqarrija ta' l-appellant, fol. 21 u fol. 23 rispettivament.

migbura ma hemmx prova cara ta' kemm kull wiehed mill-persuni l-ohra li kisbu *card* minghand l-appelllant ghamlu qligh b'qerq. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, huwa applikabbli il-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 310 tal-Kap. 9.

L-ahhar aggravju ta' l-appellant in tema ta' ligi jirrigwarda l-Artikolu 34 tal-Att XXXIII tal-1997, citat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju. Effettivament l-Avukat Generali f'din in-nota indika l-"Artikolu 39 tal-Kap. 250 illum 34 tal-Att XXXIII tal-1997". Issa, l-Artikolu 34 tal-Att XXXIII tal-1997 – Att biex Jirregola t-Telekomunikazzjoni, illum Kap. 399 – ma ghandu x'jaqsam xejn ma' ebda reat: dana l-Artikolu 34 jipprovdi ghat-twaqqif u komposizzjoni tal-Bord ta' Appelli dwar Telekomunikazzjonijiet. Kwantu ghall-Arikolu 39 tal-Kap. 250 (illum abrogat) dan ukoll ma ghandu x'jaqsam assolutament xejn ma xi imputazzjoni migjuba kontra l-appellant [3]. Fil-fatt ebda wahda mill-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant, allura imputat, ma tipotizza r-reat li kien kontemplat fl-imsemmi Artikolu 39.

Fl-ahharnett, l-appellant jilmeta mill-piena inflitta, cioe` dik ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin. In vista tal-fatt li din il-Qorti ser tillibera lill-appellant minn certi imputazzjonijiet li taghhom huwa instab hati, u tirriduci ohrajn (kif jinghad aktar l-isfel f'din is-sentenza) hemm lok ta' varjazzjoni fil-piena. Certament din il-Qorti tara li fic-cirkostanzi tal-kaz ma hemmx lok ta' prigunerija, izda ta' piena anqas gravi minn dik ta' prigunerija. Mill-banda l-ohra din il-Qorti ser izzomm quddiem ghajnejha li l-pussess, l-ispacc u l-uzu ta' *telecards* foloz huwa reat serju ghax jaghmel hsara lill-ekonomija tal-pajjiz, u ghalhekk m'ghandux jigi trattat b'xi leggerezza.

---

[3] L-Artikolu 39(1) tal-Kap. 250 kien jipprovdi li *"Ebda persuna ma ghandha f'Malta, hlief f'isem it-Telemalta jew taht licenza mit-Telemalta, tikkuntratta, tistalla, testendi, jew thaddem xi telefon jew telegrafu, jew taghmel xi xoghol jew tistalla xi apparat jew xi haga ohra mahsuba biex jintbaghtu messaggi bit-telefonija jew bit-telegrafija jew b'xi mod iehor tidhol fuq id-drittijiet eskluzivi vestiti fil-Korporazzjoni bl-Artikolu 3 ta' dan l-Att".* Is-subartikolu (2) ta' dan l-Artikolu, imbghad, kien jipprovdi li persuna li tikser xi wahda mis-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) tkun hatja ta''reat kontra dak l-Att.

Ghall-motivi premessi tiddisponi mill-appell interpost bil-mod segwenti:

(1) tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu lliberat lill-appellant mill-ewwel, mis-seba’ u mit-tmien imputazzjoni;

(2) thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond it-tielet, ir-raba’ u s-sitt imputazzjonijiet, u minnhom tilliberah;

(3) thassarha u tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati skond it-tieni imputazzjoni u minflok issibu hati biss ta’ komplicita` fi frodi innominata b’dan li l-ammont ta’ hsara ma kienx jeccedi l-hames liri (Artikoli 42(c), 309 u 310(1)(d), Kap. 9);

(4) tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati skond il-hames imputazzjoni, b’dan, pero` li r-reat ma sarx ghal qligh jew bi skop ta’ kummerc (Art. 298A(b), Kap. 9); u

(5) thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant ghall-piena ta’ sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin u minflok tikkundannah multa ta’ sitt mija u hamsin lira (Lm650), konvertibbli fi tlett xhur prigunerija f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------